# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru: 111/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**James Ian Hughes**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant Edward Muscat detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 409875M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Settembru, 2004 kellu fil-pussess tieghek medicina psikotropika u ristretta (Ecstasy) minghajr awtotizzazzjoni specjali bil-miktub mis-supretendent tas-sahha Pubblika, bi ksur tad-Disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz legali 22 tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall uzu eskussiv tieghu;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Frar, 2015, li biha sabet lill-James Ian Hughes hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u ikkundannatu ghal sena (1) prigunerija effettiva, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc ikun dovut minnufih u konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut;

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jkun komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc ikun dovut minnufih u konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut;

Rat ir-rikors tal-appell ta' James Ian Hughes, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tiddikjara li qed issib lill-esponent hati ta' pussess ta' medicina psikotropika u ristretta (Ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika u bi ksur tad-disposizzjoni tal-ligi, ma ssibx lill-esponenti hati li huwa kien fil-pussess tad-droga f'cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu u ghalhekk thassar u tirrevoka l-istess sentenza f'din il-parti tal-imsemmi aggravju u tilliberah minnu

u kwindi taghtih piena ohra mhux karcerarja fl-isfond ta' dak kollu sueccipit.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata fuq il-gravami illi ghad illi jirrikonoxxi illi s-sustanza illecita, f'dan il-kaz tletin pillola *ecstasy* huma tieghu u ma jressaq ebda kontestazzjoni in rigward, ma kellu qatt jinstab hati tal-aggravju li dawn ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa jikkontendi illi jikkonsma, ossia kien jikkonsma, din il-medicina ristretta f'dozi bejn sitta u ghaxra kull harga fin-normalita' u ma setghax jitqies li dawk kienu intizi ghat-traffikar kif allegat mill-prosekuzzjoni. Jokkorri ghalhekk illi jkunu ezaminati l-provi sabiex din il-Qorti tara jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;
2. Mill-atti processwali jemergi illi fis-16 ta' Settembru, 2004, persuna li kienet taht is-sorveljanza tal-pulizija fuq suspett li kienet qed titraffika fid-droga, ghamlet kuntatt mal-appellant fejn il-*confectionery* tieghu. Meta l-appellant dahal fil-hanut tieghu, l-pulizija dahlu warajh u avzahom li kien ser jixghel id-dawl u semghu xi haga taqa' mal-art u minnufih innutaw li wara kartuna kien hemm borza bil-pilloli suspettati *ecstasy*. Minn ezamijiet forensici rrizulta li dawn kienu 30 pillola MDMA, sustanza kontrollata taht it-Tielet

Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. L-espert forensiku Spizjar Mario Mifsud xehed ukoll dwar is-sustanza li nstabet fuq il-persuna li allegatament bieghet dawn il-pilloli lill-appellant u cioe 64 pillola ohra u blokka raza tal-cannabis;

3. L-appellant xehed illi qabel iz-zmien meta kien misjub fil-pussess ta' dawn il-pilloli kien ilu jbaghti minn problema tant li kien isiefer biex jattendi *parties* u kien jikkonsma bejn 8 u 10 *ecstasy* f'kull lejl [ta' divertiment]. Dawk it-30 pillola kienu jservuh ghal-xahar bhas-soltu u cahad li qatt biegh jew traffika din il-medicina jew li kellu l-hsieb li jbiegh l-istess. In kontro ezami l-appellant kien mitlub jaghti l-isem tal-*parties* li kien jattendi u kif kien possibbli li jiehu dak l-ammont ta' pilloli f'lejl wiehed u wiegeb li tant hu hekk li kien ghadu gej minn Ibiza fejn f'gurnata wahda kien ha 24 pillola u xorta wahda ma gralu xejn;

4. B'dawn il-parametri, l-ewwel Qorti kellha tiggudika jekk dawk il-fatti kienux iwasslu ghal-sejbien ta' htija ta' pussess bl-aggravanti li dawn ma kienux ghall-uzu esklussiv tal-appellant jew fin-nuqqas ghall-pussess minghajr l-aggravju. U certament din mhix decizjoni facli meta rinfaccjat b'certi fatti inkluz bl-ammont ta' pilloli misjuba. Din id-diffikulta' kienet riskontrata diversi drabi mill-Qrati taghna u tajjeb li per ezemplari ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Borg tat-12 ta' Frar, 2009 fejn kien ritenut hekk:

> "Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Marius Magri" [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (igifieri ghall-uzu biss tal-pussessur). Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App Krim. "Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio" [26.8.1998]. Meta l-ammont tad-

droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Carmelo Spiter" [2.9.1999].)

"Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzzjoni li d-droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax iku  hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi.  Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux neccessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizijia vs Brian Caruana" [23.5.2002])."

5. Issa, l-ewwel Qorti ukoll ghamlet referenza ghas-sentenza Marius Magri u jidher li  kienet gwidata mill-principji hemm enuncjati meta rradikat il-konvinciment taghha li dawk il-pilloli ma kienux ghall-uzu esklussiv tal-appellant.  Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ghal dan il-konvinciment kienu li "*huwa notorju fil-qasam tad-droga, d-doza ta' ecstasy ghal serata wahda hija ta' zewg (2) pilloli – massimu ta' tlieta( 3).  Fil-fatt, fl-abbozz tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga ippublikat is-sena l-ohra u li bhalissa qed jigi diskuss fil-Kamra tad-Deputati, [llum Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta], il-pussess tal-ecstasy huwa ikkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun ta' massimu ta' zewg (2) pilloli ecstasy*". Osservat ukoll l-ewwel Qorti illi s-sustanza ma nstabitx fid-dar tal-appellant izda fil-hanut tieghu u li ghalhekk mhux verosimili li huwa johrog nhar ta' Sibt mill-hanut tieghu u ma ta  ebda raguni plawsibbli ghaliex instabet mohbija fil-hanut tieghu;

6. Din il-Qorti izda, hi tal-fehma illi fir-ragunament taghha l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha devoluti quddiemha.  L-ecstasy instabet fil-hanut tal-appellant proprju ghaliex f'dak il-hin immedjat kienet saret il-konsenja lilu mit-traffikant kif

xehedu l-ufficcjali tal-Pulizija. Il-konsenja saret barra l-hanut u appena dahal biha il-Pulizija dahlu warajh. Ghalhekk il-konkluzzjoni li ma kienitx verosimili li hu johrog mill-hanut tieghu nhar ta' Sibt mhix tant korretta. L-istess ikun osservat dwar il-konkluzzjoni li ma tax raguni ghaliex l-ecstasy kienet mohbija fil-hanut tieghu. Din kienet f'idejh meta dahal fil-hanut u appena l-ufficjali dahlu warajh avzahom li kien ser jixghel id-dawl u dak il-hin waqghet xi haga mal-art u ghalhekk ma jirrizultax mill-assjem tal-provi li din kienet b'xi mod mohbija. Jidher ghalhekk illi l-ewwel Qorti kienet konvinta illi la darba din l-ecstasy instabet gewwa hanut allura kienet intiza ghall-ispacc;

7. Tajjeb li jkun osservat ukoll illi mill-indagini li ghamlet il-pulizija ma rrizulta ebda hjiel li l-appellant seta kien involut fl-ispacc tal-ecstasy. Setghet saret xi tfittxija intensiva fil-hanut tieghu, fir-residenza tieghu li setghet taghti rizultat bhal xi ammont ta' flus, mizien, boroz jew droga u medicina ohra illecita izda xejn minn dawn u ghalhekk l-ispjega li offra l-appellant bil-gurament ma kellhiex tkun skartata b'daqshekk heffa;

8. Fis-sottomissjonijiet taghha quddiem l-ewwel Qorti, il-Prosekuzzjoni qalet hekk: "*Bniedem li jabbuza dak l-ammont ta' pilloli, il-prosekuzzjoni tista' tghidha mill-esperjenza, jispiccaw hazin. Minix qed nghid li s-Sur Hughes ma kienx jiehu droga ecstasy. Minix qed nghid dan. <u>Nafu li kellu u nafuh lis-Sur Hughes, ghandu problema u qed jindirizzaha</u>. Pero' nemmnu wkoll li dawk l-ammonti ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu biss*". [sottolinear tal-Qorti]. Ghalhekk il-prosekuzzjoni qed tistrieh biss fuq in-numru ta' pilloli misjuba meta taf li l-appellant ghandu, ossia kellu, problema serja ta' konsum ta' ecstasy. Li kieku dak l-ammont instab fuq l-appellant f'post ta' divertiment kien ikun diskors iehor. L-istess jinghad jekk persuna tinqabad b'aktar minn zewg pilloli fuq il-persuna taghha fi triq jew f'post ta' divertiment fejn hemmhekk hu logikament indikat li ssir

referenza ghall-Kapitolu 537 kwantu ammont li ghandu jitqies bhala intiz ghall-uzu esklussiv tal-persuna;

9. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant qal li tant kien afflitt mill-problema tal-ecstasy illi issa ghandu problemi serji fil-kliewi tant li kien kostrett li jieqaf. Dwar dan izda ma gab l-ebda prova u ghalhekk din l-osservazzjoni ser tkun skartata;

10. Kif kostantement ritenut minn din il-Qorti, kull kaz jehtieg li jkun trattat fuq il-merti tieghu u fic-cirkostanzi hawn postulati, din il-Qorti hi konvinta li l-ammont ta' pilloli misjuba ghand l-appellant kienu ghall-uzu personali tieghu. Finalment tosserva ukoll din il-Qorti illi il-prosekuzzjoni indikat quddiem l-ewwel Qorti, li l-appellant jikwalifika ghal tnaqqis fil-piena wara li ghen b'success fl-identifikazzjoni u processar tat-traffikant, fatt dan osservat ukoll mill-ewwel Qorti meta kkominat il-piena;

11. Ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn moghtija, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-gravanti ta' pussess ta' pilloli ecstasy f'cirkostanzi li juru li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu kif ukoll f' dik il-parti li biha kkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija u Ewro 1,500 multa, u tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabitu hati ta' pussess ta' medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) bi ksur tal-istess Kapitolu 31 minghajr il-gravanti. Wara li rat il-fedina penali aggornata tal-appellant u hadet ukoll in konsiderazzjoni it-tul li ha dan il-kaz sa ma inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u tikkonfermaha fil-bqija b'dan illi l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra tal-esperti ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta l-appellant jircievi avviz ghal-hlas mir-Registratur tal-Qrati;

12. Il-Qorti fissret fi kliem car lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.